MALTA

# QORTI CIVILI
# (SEZZJONI TAL-FAMILJA)

**ONOR. IMHALLEF**
**ABIGAIL LOFARO**

Seduta tas-16 ta' Novembru, 2011

Rikors Numru. 224/2011

**A B**
vs

**C sive D B**

Il-Qorti:

Rat ir-rikors li permezz tieghu r-rikorrenti ippremetta:

Illi l-partijiet izzewgu fl-erbgha u ghoxrin (24) ta' Marzu, tal-elf disa' mija u disgha u sebghin (1979) (Ara Dok A anness) u minn dan iz-zwieg huma kellhom zewgt itfal, illum kollha maggorenni;

Illi l-partijiet ilhom legalment separati b'kuntratt redatt min Nutar Dottor Hugh Grima mit-tmienja (8) ta' Lulju tas-sena elf disgha mija u wiehed u disghin (1991) (Ara Dok B anness);

Illi m'hemm l-ebda prospett ragonevoli ghal rikonciljazzjoni bejniethom *stante* illi minbarra li ilhom ghoxrin sena mifrudin, illum ghandhom hajja totalment separata minn xulxin u sahansitra ffurmaw rabtiet ma persuni ohrajn / familji godda;

Illi m'hemm l-ebda manteniment dovut f'dan l-istadju stante li l-ulied huma llum kollha maggorenni u l-fuq minn tlieta u ghoxrin sena u l-partijiet qatt ma obbligaw ruhhom illi jmantnu lill-xulxin.

Illi dawn il-fatti hawn fuq imsemmija jissudisfaw il-kundizzjonijiet kollha mehtiega ghall-ksib tad-divorzju skond l-Artikolu 66B tal-Kodici Civili, Kap 16 tal-Ligijiet ta' Malta;

Talab li l-intimata tghid ghaliex din il-Qorti m'ghandhiex :

1. Tippronunzja l-hall taz-zwieg bejnet il-partijet;

2. Tordna lir-Registratur tal-Qrati sabiex, fiz-zmien imholli ghal daqshekk mill-istess Qorti, javza lid-Direttur tar-Registru Pubbliku bill-hall taz-zwieg tal-partijiet biex dan jigi registrat fir-Registru Pubbliku.

Rat id-digriet taghha precedenti;

Semghet ix-xiehda tar-rikorrenti u tal-intimata;

Rat l-Artikoli 66 A, 66 B, 66 c tal-Kap. 16 tal-Ligijiet ta' Malta;

Rat illi l-kundizzjonijiet mehtiega ghad-divorzju gew sodisfatti; peress illi l-partijiet ilhom legalment separati b'kuntratt redatt minn Nutar Dr Hugh Grima mit-8 ta' Lulju 1991, b'dan illi ma hemm l-ebda prospett ragonevoli ghal rikonciljazzjoni skond kif xehdu l-partijiet;

Rat illi ulied il-partijiet illum huma kollha maggorenni u illi l-partijiet qatt ma obbligaw ruhhom illi immantnu lil xulxin u dan ukoll kif xehdu il-partijiet bil-gurament taghhom;

Ghaldaqstant, u ghar-ragunijiet fuq imsemmija, il-Qorti qeghda tilqa' t-talbiet tar-rikorrenti, tippronunzja il-hall taz-zwieg bejn il-partijiet u qeghda tordna lir-Registratur tal-Qrati sabiex, fi zmien xahar millum, javza lid-Direttur tar-Registru Pubbliku bid-divorzju tal-partijiet biex dan jigi registrat fir-Registru Pubbliku;

Il-Qorti tordna illi l-ispejjez ikunu bla taxxa bejn il-partijiet;

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------